MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tat-30 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 60/2007

Jeremy Borg Grech

vs

Mary Jane Vella

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fil-11 ta' Dicembru 2007, li jghid hekk :-

'Illi l-attur esegwixxa diversi xogholijiet ordnati mill-konvenuta, konsistenti f'xogholijiet elenkati f'kuntratt ta' appalt datat 13 ta' Novembru 2006 [Dok. 1 hawn anness], kif ukoll xogholijiet addizjonali ordnati mill-istess konvenuta fl-istess fond u cjoe' 'Meadowvale', 2U, Triq Ta' Xmiexi, Msida, Malta ;

Illi l-bilanc rimanenti huwa ta’ elf erba’ mija u sebgha u tletin Liri Maltin u erbgha u hamsin centezmi (Lm 1437.54) [Dok 2 hawn anness] ;

Illi nterpellata diversi drabi biex thallas, il-konvenuta baqghet inadempjenti ;

Tghid ghalhekk il-konvenuta l-ghaliex dan it-Tribunal m’ghandux jikkonferma li l-bilanc dovut huwa ta’ elf erba’ mija u sebgha u tletin Liri Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm 1437.54), u jiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghal dan l-ammont, u jikkundannaha thallas l-istess, bl-imghax u l-ispejjez inkluz ta’ l-ittra ufficjali u legali kontra l-konvenuta li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni’.

Il-konvenuta permezz tar-risposta taghha pprezentata fit-22 ta’ Jannar 2008, eccepiet :-

‘Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt ;

Illi l-bilanc kif rikjest mill-attur mhuwiex dovut u dan stante illi l-attur halla diversi xogholijiet mhux kompluti ;

Illi oltre dan diversi xogholijiet ma sarux skond l-arti u s-sengha, u rrizultaw diversi difetti kif jigi pruvat dettaljatament waqt il-kawza ;

Illi l-attur gie mitlub jirrimedja dawn id-difetti izda m’accettax u fejn ipprova jirrimedja xorta ma sarx xoghol sodisfacenti’.

Ra n-Nota esibita mill-konvenuta fl-udjenza tat-23 ta’ April 2008, fejn elenkat ix-xogholijiet li l-attur kien baqa’ ma lesthiex mill-appalt originali, u ta’ xogholijiet li ghalkemm saru, dawn ma sarux skond kif titlob l-arti u s-sengha ;

Ra wkoll in-Nota tal-attur ipprezentata fil-15 ta’ Mejju 2008, u d-dokumenti maghha esibti ;

Ra d-digriet tal-10 ta’ Lulju 2008, li in forza tieghu dan it-Tribunal kien hatar lis-Sur Vincent Ciliberti, bhala perit

tekniku, sabiex jirrelata dwar it-talbiet tal-attur, u dana wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet relattivi, u sabiex jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz ;

Ra r-rapport tal-perit tekniku li gie pprezentat fis-17 ta’ Settembru 2008, debitament mahluf mill-perit tekniku fis-17 ta’ Novembru 2008 ;

Ra t-talba tal-konvenuta verbalizzata fl-udjenza tal-15 ta’ Ottubru 2008, li biha ddikjarat li xtaqet teskuti lill-perit tekniku bit-Tribunal jidderiegi lill-konvenuta thejji lista ta’ domandi biex tigi notifikata lill-perit tekniku li jkun jista’ jwiegeb bil-miktub u jikkonferma l-istess twegibiet quddiem ir-Registratur ;

Ra n-Nota tal-konvenuta li giet mghoddija lill-perit tekniku fid-19 ta’ Novembru, 2008, li fiha esponiet id-domandi li xtaqet tissottometti ghall-konsiderazzjoni tal-perit tekniku ;

Ra n-Nota bit-twegibiet tal-perit tekniku ghad-domandi li sarulu bil-miktub mill-konvenuta, debitament mahlufa fil-21 ta’ Novembru 2008 ;

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi bazikament din il-kawza tittratta talba ghall-bilanc ta’ prezz ta’ appalt li l-attur wettaq fuq inkarigu tal-konvenuta. L-appalt kien jikkonsisti f’xoghol ta’ *turn key project* go fond fi Triq Ta’ Xmiexi, Msida, Malta ; it-talba hija ghall-hlas ta’ l-ammont bilancjali ta’ elf erbgha mija u seba’ u tletin Liri Maltin u erba’ u hamsin centesimi (Lm 1,437.54c), illum ekwivalenti ghal tliet elef tliet mija u tmienja u erbghin Euro u sebgha u hamsin centesimi (€ 3348.57). Il-konvenuta tirribadixxi li l-ammont mitlub mhuwiex dovut stante li l-attur halla diversi xogholijiet li ma gewx kompluti ; inoltre diversi xogholijiet ma sarux

skond kif titlob l-arti u s-engha ;  u rrizultaw diversi difetti fix-xogholijiet li l-attur kien irrifjuta li jirrimedjahom.

Mill-indagini li ghamel il-perit tekniku, irrizultalu li fil-fatt kien hemm xoghol  tal-elettriku li ma sarx skond  id-disinn provdut, u xoghol iehor li ma sarx skond l-arti u s-sengha. Kif qalet il-Qorti tal-Prim'Awla fil-kawza '**Zahra vs Fino**', deciza fid-29 ta' Ottubru 1998, f'kawza ghall-hlas ta' xoghol esegwit, meta x-xoghol ma jkunx sar skond l-arti u s-sengha, il-hlas dovut ghandu jitnaqqas.  Kif qalet ukoll l-istess Qorti fil-kawza '**Brownrigg noe vs Spiteri**', deciza fis-27 ta' Gunju, 2003, l-appaltatur ma huwiex mehlus mir-responsabilita' avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol. Il-verifika u l-approvazzjoni generalment isiru ghall-finijiet tal-hlas, izda b'daqshekk ma jigix ezonorat mir-responsabilita' jekk *nonostante* kontroll diligenti fil-mument tal-verifika, 'il quddiem jinstab li x-xoghol ma sarx sew. Jekk id-difetti jkunu ta' certa gravita' l-kommittent ikollu d-dritt jopponi l-*'exceptio non rite adempleti contractus'* ghad-domanda li ssirlu ghall-hlas; jekk min-naha l-ohra d-difetti ma jkunux sostanzjali jew essenzjali, l-appaltatur ikollu d-dritt li jitlob li dawk id-difetti jigu riparati jew jaccetta riduzzjoni. F'dan il-kaz, jirrizulta li d-difetti fix-xoghol esegwit mill-attur ma kienux ta' certa gravita', u dan it-Tribunal wara li wiezen il-provi kollha ma jsibx li l-attur ghandu ragun sal-ahhar li jitlob l-hlas shih minnu reklamat, u jqis li mis-somma reklamata ghandha titnaqqas is-somma ta'  tliet mija u tmienja u erbghin Euro u seba' u hamsin centesimi (€ 348.57) ghad-difetti li dan it-Tribunal qed jiffiissa tenut kont tac-cirkostanzi. Ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke' fis-sistema tal-ligi taghna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva [Prim'Awla, **Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co. Ltd.**, 13/10/2004].

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, jiddisponi minn din il-kawza, billi jilqa' t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' tliet elef Euro (€3,000), u b'hekk jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tliet elef Euro (€3,000), bilanc ta' prezz ta' l-appalt, bl-imghax legali fuq

din is-somma mid-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba sal-effettiv pagament.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez tal-kawza jithallsu kwantu ghal kwart (1/4) mill-attur u tliet kwarti (3/4) mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------